MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 325/2011

**Andrew Sammut (ID. 164984M) u Maria Falzon (ID. 228786M)**

**Vs**

**C & M Contractors Limited (C 30803)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta intimata ghall-hlas ta' tmien t'elef u sitt mitt Ewro (€8,600) rapprezentanti l-ammont ta' mitt Ewro (€100) fil-gimgha ghal sitta u tmenin (86) gimgha li jiddekorru mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) dovuti ai termini tal-iskrittura datata s-sitta (6) ta' Ottubru 2009 (annessa bhala Dok A) ifffirmata mis-socjeta' intimata u mir-rikorrrenti in kwantu penali ghan-nuqqas tat-tlestija tax-xogholijiet ikkontemplati fl-istess skrittura sal-ewwel

(1) ta’ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), liema xogholijiet ghadhom m’humiex kompletati.

Bl-ispejjez u bl-interessi skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ intmata li giet ingunta ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex is-socjeta’ intimata twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3)(b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta intimata naqset u ma dehritx fl-20 ta' Gunju 2012 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €8,600 bl-imghax legali mit-28 a’ Settembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha tal-presenti procedura

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------